**QORTI CIVILI**
**PRIM AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 312/2020 AF**

**Vertical Group Holding Limited (C-52240)**

**vs**

**Avukat Dottor Clement Mifsud Bonnici fil-kapacità tieghu bhala mandatarju specjali ta' Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associati, ditta ta' avukati estera bl-indirizz ufficcjali sitwat fi 15, Via Alberto da Guissano, numru tal-VAT 08327620962 direttament rapprezentata mill-Professur Massimo Benedettelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetà Vertical Group Holding Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fil-konfront tas-socjetà rikorrenti esponenti gie spedit mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 634/2019 MH fl-ismijiet "Clement Mifsud Bonnici (ID 371689M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455 fil-kapacità tieghu bhala mandatarju specjali ta' Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associati, ditta ta' avukati estera bl-indirizz ufficcjali sitwat fi 15, Via Alberto da Guissano, numru tal-VAT 08327620962 direttament rapprezentata mill-Professur Massimo Benedettelli vs Vertical Group Holding Limited" in forza ta' digriet inguntiv telematiku numru 26664/2017 mahrug mill-Qorti ta' Milan fl-Italja fit-30 ta' Ottubru 2017. Kopja tal-imsemmi mandat ta' sekwestru ezekuttiv qeghda tigi hawn unita u mmarkata bhala Dokument VGH1.

Dan id-digriet inguntiv telematiku ma giex regolarment notifikat lis-socjetà rikorrenti esponenti Vertical Group Holding Limited billi thalla ma' persuna li ma ghandha ebda konnessjoni mas-socjetà rikorrenti esponenti bil-konsegwenza li dan id-digriet qatt ma wasal ghand is-socjetà esponenti li ghalhekk ma kellhiex l-opportunità li tikkontestah.

Kieku s-socjetà rikorrenti esponenti giet notifikata regolarment bid-digriet inguntiv telematiku hija kienet certament tikkontesta dan id-digriet inguntiv telematiku skond kif jinsab provdut fil-ligi li tirregola l-Process Civili Telematiku billi tistitwixxi kawza civili quddiem il-Qorti Civili ta' Milan, fl-Italja sabiex tikkontesta l-ammont mitlub mid-ditta ta' avukati Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associato billi l-ammont reklamat mill-imsemmija ditta ta' avukati huwa esagerat. Infatti l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf u tmien mitt Ewro (€23,800) gie mitlub u reklamat bhala kumpens professjonali ghall-laqgha ta' tlett sighat u nofs mizmuma fl-ufficini tad-ditta tal-Avukat imsemmija f'Milan.

Di più l-ligi applikabbli f'tema ta' Process Civili Telematiku Ewropew tippermetti lis-socjetà rikorrenti esponenti bhala l-allegata debitrici li titlob ir-ri-ezami tad-digriet inguntiv anke wara d-dekorrenza tat-terminu koncess lilha, f'kaz li n-notifika ma tkunx wahda regolari.

Illum l-imsemmi digriet inguntiv telematiku gie debitament kontestat u oppost quddiem it-Tribunal Ordinarju ta' Milan, Hames Sezzjoni Civili u din il-kawza ta' kontestazzjoni u opposizzjoni tinsab appuntata ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju, 2020 kif jirrizulta mid-dokument li qieghed jigi hawn unit u mmarkat bhala Dokument VGH2.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tissospendi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 634/2019 MH fl-ismijiet "Clement Mifsud Bonnici (ID 371689M) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta VLT 1455 fil-kapacità tieghu bhala mandatarju specjali ta' Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli Studio Legale Associati, ditta ta' avukati estera bl-indirizz ufficcjali sitwat fi 15, Via Alberto da Guissano, numru tal-VAT 08327620962 debitament rapprezentata mill-Professur Massimo Benedettelli vs Vertical Group Holding Limited" sakemm il-proceduri quddiem it-Tribunal Ordinarju ta' Milan, Hames Sezzjoni Civili fl-ismijiet "Vertical Group Holding Limited vs Radicati di Brozolo Sabatini Benedettelli – Studio Legale Associato" [Kawza numru 7161/2020] li permezz taghhom qieghed jigi kkontestat id-digriet inguntiv telematiku numru 26664/2017 mahrug mill-Qorti ta' Milan fl-Italja fit-30 ta' Ottubru 2017 li serva bhala kawzali u raguni ghall-ispedizzjoni tal-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 639/2019 MH, tigi finalment u definittivament deciza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li jinsab ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba tal-Avukat Dr. Clement Mifsud Bonnici nomine, li permezz taghha gie eccepit illi:

Ir-rikors guramentat tas-socjetà rikorrenti ghas-sospensjoni tal-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru. 639/2019 MH (il-"Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv") ma jiddentifikax il-bazi legali ghat-talba taghha, u fi kwalunkwe kaz, ma tezistix bazi legali fil-ligi procedurali Maltija, u cioè fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ("Kap. 12"), sabiex l-effetti ta' mandat ezekuttiv jistghu jigu sospizi.

Id-*decreto ingiuntivo telematico* nru. 26664/2017 mahrug mit-*Tribunale di Milano* fit-30 ta' Ottubru 2018 (id-"*decreto ingiuntivo*") li ikkanonizza t-titolu ezekuttiv enforzat permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, sar enforzabbli f'Malta wara l-hrug ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar ai termini tal-ligi tal-Unjoni Ewropeja.

Huwa veru li l-ligi tal-Unjoni Ewropeja tippermetti f'cirkostanzi eccezzjonali talba ghal ri-ezami lill-qorti tal-origini, f'dan il-kaz it-*Tribunale di Milano* fl-Italja, però dan ma jaffettwax in-natura tad-*decreto ingiuntivo* bhala wiehed finali, definittiv, u konsegwentement *res judicata*, u ghalhekk ma hemmx bazi ghas-sospensjoni tal-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv.

Minnu nnifsu, dan ir-riezami eccezzjonali u limitat fil-ligi tal-Unjoni Ewropeja <u>ma twaqqafx</u> l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

Il-fuq minn hekk, dan gie konfermat f'decizjoni preliminari tat-*Tribunale Ordinario di Milano* fl-Italja wara l-ewwel seduta fl-10 ta' Gunju 2020, fejn il-Qorti cahdet it-talba tas-socjetà rikorrenti ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tad-*decreto ingiuntivo* (ara l-*verbale di prima udienza* annessa hawn taht u mmarkata bhala Dokument A).

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuqm l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad u tirrifjuta t-talbiet kollha mressqa mis-socjetà rikorrenti fir-rikors guramentat taghha.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Avukat Clement Mifsud Bonnici nomine li permezz taghha gie eccepit illi:

Bhala eccezzjoni preliminari, s-socjetà rikorrenti m'ghandhiex l-interess guridiku necessarju skond il-ligi.

Ghalkemm is-socjetà rikorrenti, sal-lum il-gurnata, ghadha ma iddentifikatx il-bazi legali ghat-talba taghha, jidher li qed tistrieh fuq Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 li johloq Ordni Ewropew ta' Infurzar ghal talbiet mhux kontestati (ir-"**Regolament**") sabiex titlob is-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 639/2019 MH, liema artikolu jipprovdi:

***Fejn id-debitur ikun***

- ***Ikkontesta sentenza certifikata bhala Ordni Ewropew ta' Infurzar, inkluza applikazzjoni ghar-revizjoni skond it-tifsira tal-Artikolu 19, jew***

- ***Applika ghall-korrezzjoni jew l-irtirar ta' certifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar skond l-Artikolu 10,***

*il-qorti kompetenti jew awtorità fl-Istat Membru ta' Infurzar tista' wara applikazzjoni mid-debitur:*

*(a) tillimiti l-proceduri ta' infurzar ghal mizuri protettivi; jew*

*(b) taghmel l-infurzar kondizzjonat fuq il-provvista ta' dik il-garanzija hekk kif tista' tistabbilixxi; jew*

*(c) taht cirkostanzi eccezzjonali, twaqqaf il-proceduri ta' infurzar.*

u dan ghaliex id-*decreto ingiuntivo telematico* nru 26664/2017 li fuqu l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv huwa msejjes gie ccertifikat bhala Ordni Ewropew ta' Infurzar ai termini tar-Regolament.

Ghalkemm id-*decreto ingiuntivo telematico* kien ikkontestat gewwa l-Italja meta gew intavolati l-proceduri odjerni (ara Dok. **VGH 2** ipprezentat mar-rikors guramentat tas-socjetà rikorrenti), dik il-kontestazzjoni giet michuda *in limine litis* fl-10 ta' Gunju 2020, u sussegwentement fid-29 ta' Lulju 2021 il-Qorti ta' Milan iddikjarat li l-oppozizzjoni ma kienitx ammissabbli, liema decizjoni giet notifikata lis-socjetà rikorrenti fil-11 ta' Ottubru 2021.

Sal-lum il-gurnata s-socjetà rikorrenti ma ntavolat l-ebda appell minn dik id-decizjoni, u fi kwalunkwe kaz it-terminu tal-appell skada fl-10 ta' Novembru 2021 (ara paragrafu 11 ta' Dok. **B(a)**), u ghalhekk ma hemm l-ebda kontestazzjoni pendenti kontra d-*decreto ingiuntivo telematico* kif jirrikjedi Artikolu 23.

Ghalhekk m'hemmx l-interess guridiku necessarju sabiex din il-kawza tissussisti, liema interess guridiku ghandu jippersisti tul il-kaz kollu.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri, Vertical Group qeghda titlob is-sospensjoni tal-effetti ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv mahrug fil-konfront taghha wara digriet inguntiv telematiku mahrug mill-Qorti ta' Milan.

Jirrizulta inkontestat illi l-mandat ta' sekwestru *de quo* huwa msejjes fuq "*decreto ingiuntivo telematico*" 26664/2017, liema *decreto* gie ccertifikat bhala Ordni Ewropew ta' Infurzar skond ir-regolament 805/2004.

L-imsemmi "*decreto*" gie kontestat quddiem it-Tribunale Ordinario di Milano. Tali kontestazzjoni giet michuda fid-29 ta'

Lulju 2021 u minn din id-decizjoni ma tressaq ebda appell. B'hekk issa l-kwistjoni ghaddiet in gudikat u ma baqghalux applikazzjoni l-Art. 23 tal-fuq citat regolament li jipprovdi ghas-sospensjoni li qeghda tigi mitluba.

Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi l-Qorti hija marbuta bit-termini tat-talba kif dedotta fir-rikors promotur tal-kawza. It-talba f'din il-procedura hija essenzjalment limitata ghall-pendenza tal-procedura ta' kontestazzjoni f'Milan. Tali pendenza wara d-decizjoni tal-Qorti ta' Milan hija issa inezistenti u b'hekk din il-Qorti ma tistax hlief tichad it-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Vertical Group Holding Limited bl-ispejjez kontra taghha.

IMHALLEF